MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.
ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 256/2002/1

**Lawrence u Elvira sive Yvonne
Konjugi Farrugia**

**Vs**

**Leo u Gertrude N. konjugi
Borg Marks**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm312.97), danni sofferti minnhom f'incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Mejju 2001, f'liema incident il-vettura tal-konvenuti (Vauxhall Nova numru GAA 465) habtet mal-vettura Fiat Ritmo (numru LCB 601) propjeta ta' l-atturi, u ghal liema incident huma unikament responsabbli l-konvenuti.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuti (fol. 9) u li permezz taghha kkontestaw ir-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fit-12 ta’ Mejju 2001 il-vettura tal-atturi (Fiat Ritmo bin-numru LCB 601) kienet ipparkjata fi Triq Baltiku, San Gwann. Din il-vettura garrbet hsarat meta l-vettura tal-konvenut (Vauxhall Nova bin-numru GAA 465) baqghet diehla fuq il-mudguard ta’ wara tal-vettura ta’ l-atturi (ara f’dan is-sens ir-ritratti ezebiti fl-atti). L-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz juri bic-cjar kif spiccaw il-vetturi wara l-incident (fol. 22).

2. Il-konvenuti jghidu li l-vettura taghhom kienet ipparkjata vicin id-dar taghhom, li tinsab fil-kantuniera ta’ Triq is-Sirti, San Gwann, u li fil-hin ta’ l-incident kienu d-dar. Il-verzjoni moghtija mill-konvenut lill-pulizija li nvestiga l-kaz giet registrata b’dan il-mod (fol. 20):

*“Driver stated that he had last left his car parked, locked and unattended in Triq il-Baltiku and someone unknown had tempered with the left door lock and let same car free down the road. He stated that he had also found the wipers activated”*.

Il-kumpanija assisguratrici tal-konvenuti ttrattat dan il-kaz bhala wiehed ta’ serq (ara dokument a fol. 34).

3. Fit-3 ta’ Mejju 2002 it-Tribunal zamm access fuq il-post (ara verbal a fol. 60 tal-process), li matulu kkonstata li hemm distanza konsiderevoli bejn il-post fejn il-konvenuti jghidu li kienet ipparkjata l-vettura taghhom u l-post fejn sehh l-incident. F’din l-istess triq hemm ukoll liwja (ara f’dan is-sens site plan a fol. 38). Irrizulta wkoll li

r-residenza tal-konvenuti hija vicin il-post fejn il-konvenut indika li kienet ipparkjata l-vettura tieghu.

4. Mill-provi jirrizulta li kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuti ma rawx l-incident isehh. L-uniku xhud li tista' titfa' xi ftit dawl fuq dan il-kaz hija Jennifer Attard li xehdet fis-seduta tal-10 ta' April 2002 u li hija girien ta' l-atturi. Din ix-xhud iddikjarat li:

- Dakinhar ta' l-incident kien *"maltemp qawwi"*. Hi kienet fil-kcina wahedha.

- F'hin minnhom ***"jiena smajt hoss, kienet qisha habta. Bumm smajt jien**. Kien wara nofs il-lejl"*.

- Harset mit-tieqa, u *"**rajt karrozza ghaddejja mit-triq**. F'dak iz-zmien kienu qeghdin isiru xi xogholijiet fi Triq il-Baltiku"*

- Din il-karrozza ratha tahbat fil-vettura ta' l-atturi, *"li dak il-hin kienet ipparkjata"*.

- Fil-karrozza l-bajda (igifieri dik tal-konvenut) ma kien hemm hadd.

Fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad li din ix-xhud qaltlu: *"at about 00.50 A.M., she heard a crashing noise and when she went outside she saw that both cars had collided"* (fol. 16).

5. Il-pulizija li nvestiga l-kaz (PC52 Emanuel Agius) ikkonferma li:

- *"il-vettura GAA 465 kellha l-lock tan-naha tax-xellug mgholli. Irrid nghid illi meta jiena rajt fuq gewwa tal-karrozza irrizulta illi l-handbrake kien mgholli u kienet fuq il-gear. Il-konvenuta lili qaltli li kienet sabet il-lock tan-naha tal-passiggier ta' quddiem miftuh"*.

- Ma kien hemm l-ebda sinjal ta' *"xi tbaghbis"* mal-wiring tal-karrozza tal-konvenuti.

6. Mill-provi rrizulta li kienet il-konvenuta li pparkjat il-vettura fi Triq il-Baltiku ghal habta tas-sitta ta' filghaxija (6.00 p.m.).

7. Il-principju li jirregola l-kamp tad-danni rizultanti minn delitt jew kwazi-delitt huwa li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili).

L-Artikolu 1032 jipprovdi *"jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"*.

8. Illi fil-kamp tad-danni, *"per avere luogo l'azione per il risarcimento dei danni, non e' sufficiente la prova di essere sofferto un determinato danno nella proprieta', ma bisogna ancora dimostrarsi di essere avvenuto il danno per colpa e fatto della persona da cui si pretende il risarcimento"* (**Vella v Stofford** – Vol. I.126). Hekk ukoll fil-kawza **G. Sare' v C. Farrugia et** (Vol. XXVII.i.687) l-attur kien ha l-vettura ghar-riparazzjoni ghand il-konvenuti. L-attur qal li minflok saret it-tiswija, il-konvenuti kkagunaw danni fil-vettura. Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat: *"che perche' possa una persona ritenersi responsabile dei danni fa mestieri che* ***chi reclama l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o l'omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ed effetto col pregiudizio sofferto dall'istante****. Tale prova non vedasi raggiunta nella specie di fatto, non essendo il referto tecnico riuscito ad accertare che l'opera dei convenuti abbia realmente contribuito alla rottura dello inerto suindicato, ma essendosi limitato ad avanzare la mera possibilta' di siffatta contribuzione, la quale non esclude la possibilita contraria che non abbia il loro operato aiutato in alcuna misura alla produzione del danno dal attore sofferto, nella quale ipotesi sarebbe illegale e ingiusto tenere gli appellanti passibili di condanna per indennizzo"*.

9. L-atturi qeghdin jatribwixxu l-incident ghall-difett li skond huma kellu l-*handbrake* tal-karrozza tal-konvenuti (ara fol. 17). Mill-provi ma rrizultax li l-*handbrake* tal-

vettura tal-konvenuti kien difettuz. Anzi l-konvenut xehdet: *"ahna qatt ma kellna problemi bil-handbrake"* (fol. 58). It-Tribunal ma jistax jibbaza d-decizjonijiet tieghu fuq kongetturi jew jipprezumi fatti li ma jirrizultawx mill-provi. Huwa maghruf li, *"il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet"* (**E. Zammit vs E. Petrococchino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Frar 1952).

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz it-Tribunal m'huwiex moralment konvint mill-htija tal-konvenuti ghall-incident. Huwa maghruf li r-responsabbilta ghad-danni tista' tkun rizultat ta' *"azzjoni jew ommissjoni"* da parti tal-persuna li hija responsabbli ghall-akkadut. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **E. Cassar vs Onor. Dr. G. Borg Olivier** (Vol. V.245), *"quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece"*. Ma jirrizultax li l-persuna li pparkjat il-vettura (igifieri l-konvenuta) naqset milli taghmel xi haga – ezempju li ssakkar il-vettura, jew li ttella' l-handbrake. Anzi hija kkonfermat ukoll li l-vettura kienet qeghda fuq il-*gear* peress li kienet ipparkjata f'nizla.

Fil-fehma tat-Tribunal m'huwiex verosimili li din il-vettura mxiet wahedha u spiccat dik id-distanza kollha l-boghod minn fejn kienet ipparkjata. Il-forma u l-konfigurazjoni tat-triq teskludi din il-verzjoni. Ma jistax ukoll ma jissemmix li rrizulta li l-vettura kienet ilha pparkjata mis-sitta ta' filghaxija u l-incident sehh sebgha sighat wara. Inoltre, anke l-hsara li garrbet il-vettura ta' l-atturi (ara r-ritratti) ma tindikax li l-vettura Vauxhall Nova mxiet wahedha ghal dik id-distanza kollha u ghan-nizla. It-Tribunal jemmen li kieku dawk kienu c-cirkostanzi, il-hsara kienet tkun hafna ikbar.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jarax li bejn il-kondotta tal-konvenuti u l-event hemm xi kawzalita guridika, kif hu mehtieg li jkun hemm biex il-konvenuti jigu ritenuti responsabbli ghar-rizarciment tad-danni.

10. B’riferenza ghax-xhieda moghtija mix-xhud principali f’dan il-kaz, jigi osservat li:

- Filwaqt li x-xhud qalet li semghat hoss *“qisha ta’ habta”*, it-Tribunal ma jistax jifhem kif wara qalet li rat l-incident isehh. Ghalkemm l-attur ighid li x-xhud kienet qalet li l-vettura l-ewwel habtet ma’ *skip* u dan kien il-hoss li semghet (fol. 17) qabel l-incident, dan il-fatt qatt ma ssemma mix-xhud. Fl-okkorrenza li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz ma jissemmiex li hija rat l-incident isehh izda biss li semghet hoss u wara rat zewg vetturi mahbutin f’xulxin. Il-pulizija xehed fis-seduta tat-2 ta’ Mejju 2002 u kkonferma li din ix-xhud *“qaltli li semghet hoss qawwi, u li meta harset rat iz-zewg vetturi mahbutin f’xulxin”*. Lanqas ma rrizulta mill-provi li qabel ma sehh l-incident, il-vettura Vauxhall Nova laqtet xi vetturi ohra li kienu jinsabu fi Triq Baltiku. L-attur stess jikkonferma li fil-hin ta’ l-incident, *“jiena u l-mara tieghi fil-fatt smajna hoss, izda meta accertajna li l-hoss ma kienx gewwa d-dar, ma tajniex iktar kasu”* (fol. 18). Ma jsemmiex li semghu zewg ihsejjes, kif kienet jigri kieku l-vettura l-ewwel laqtet l-iskip u kaxkritu u mbaghad baqghet diehla fil-vettura tieghu.

- Ix-xhud bdiet biex tghid li kienet fil-kcina. Kompliet tghid li harset mit-tieqa tal-kamra tal-ikel (fol. 27). Jidher ghalhekk li marret f’kamra ohra biex tara x’kien qieghed jigri fuq barra. Dan ikompli jsahhah il-fehma tat-Tribunal li meta x-xhud semghet il-hoss ma harsitx barra fit-triq minnufih.

- Meta sar l-access it-Tribunal ra li l-vizwali tax-xhud (minn fejn tghid li rat l-incident isehh) ma setghetx kienet daqstant libera meta wiehed iqies li fil-gemb tat-twieqi hemm zewg sigar tac-cipress kbar.

- Wiehed japprezza li x-xhud m’hijiex f’posizzjoni li tghid kif il-vettura Vauxhall Nova ccaqalqet minn postha.

11. Fix-xhieda tieghu l-attur xehed li l-konvenut kien qallu li ser jaghmel tajjeb ghall-hsara. Min-naha tieghu l-konvenut jichad li qatt qal dawn il-kliem. Huwa maghruf li ammissjoni trid tkun cjara u univoka. Prova ta' dan ma tirrizultax f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad t-talba ta' l-atturi.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**